# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU

**Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.**

*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtiġ.*

| 39. | 29 ta' MEJJU 1909. | L-EUUEL SENA |
|---|---|---|

FTEHIM.

**Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafnix, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux igedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Cull imsieħeb, li jcun ħallas, jista jistaksini cull xorta ta' mistoksija basta li tcun serja, onesta u meħtieġa u jiena nŭieġbu. In-nies ta'd-dar ta'l imsieħeb icollhom id-dritt jagħmlu il mistoksijiet ucoll. Cull min igib għaxar imsieħbin ġodda, natieħ tiegħu, għal sena, b-xejn. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn iħallsu, barra minn dan, il posta ucoll, Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sitt xhur b'xejn; min isieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand i Fotografu VELLA u għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, it-tnejn fi Strada Rjali ta'l Belt fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo, fejn isir ucoll cull ftehim fuk l-avvisi ecc. ecc.**

## IL MEETINGS.

Billi is-sħana bdiet taħchem ġmielha il Cunsill da'l ŭakt jagħlak biex il Cunsilieri jistrieħu ftit m'it-taħbit tagħhom; u għalhecc il mistoksija tigi ŭieħidha f'ħalk cullħadd: "Kdeŭ daŭna dmirhom ta' veri patriotti ?" U meta ŭieħed jokgħod jiftacar ħaġa b'ħaġa f'dac collu li sar f'dina is-sessjoni collha ma jistax iŭiegeb ta' galantom ħlief iva. Dan l-iva ma jfissirx li f'bosta ħŭejjeġ ma setgħux jagħmlu aħjar, li f'xi drabi ma setgħux jitchellmu b'actar kaŭŭa u irġulija, li f'xi ħŭejjeġ, minngħajr ma riedu, ma marrux contra il gid ta'l poplu u ta'l pajjis; iżda min jaf chemm hi ħaġa difficili il politica u l-actar il politica tagħna f'il ŭakt li għaddejjin minnu; min jaf chemm hi ħaġa tkila u ta' csir ir-ras, jecc m'hux li ma tista tcun katt, li togħġob f'collox lil cullħadd, ma jistax igħid li b'dana in-nukkas collu, ma imxeŭx tajjeb.

Tarġa m'hux il membri collha li hemm huma ta' refgħa ŭaħda: hemm minnhom min jiflaħ ratal u hemm min jiflaħ qŭart u għalhecc cull min jarfa il qŭart li jiflaħ ħadd ma jista jgħidlu li ma kdiex dmiru seŭŭa; jecc il poplu xtak li jintrafa ratal chellu jagħżel nies li collha jifilħu ratal; u f'da'l pajjis daks ħolka nafu b'iż-żejjed cullħadd chemm jista jarfa.

Xi qŭestjonijiet m'il akŭa li għaddeŭ ma ittieħdux b'dic is-serjetà xjentifica li chien imissħom u li chienet tixirkilhom. Għala ? Għaliex m'hux il Cunsilieri collha li hemm studjaŭ biex jistgħu jitħaddtu scond ix-xjenza fuk xi ħŭejjeġ ta' ħtieġa cbira u għalhecc ħadd ma jista jgħid li nakas minn dmiru dac li ma għamilx dac li ma jafx.

B'dana irrid infisser ruħi li jecc l-affarijiet ma imxeŭx b'iż-żejjed chif xtiekhom cullħadd il ħtija ma hix ta'l Cunsilieri li chien hemm, għaliex daŭna collha għamlu chemm setgħu biex jakdu dmirhom, iżda ta'l poplu, jeŭ ta' min ħatar il Cunsilieri, għaliex biex ipingi sakaf ma impiegax ħlief ħafna Marcelli bħal ta'l Boheme. Dana ma irridx ingħidu għal collha chemm huma, le. Min minnhom jaf ipingi uriena b'iż-żejjed għaliex isserdek u ħambak chemm felaħ; l-oħrajn culltant chienu jagħtsu għatsa biex juru li huma hemm u li ma humiex irraccmati b'il ħarir bħal figuri ta't-tapezzerija, meta ma chienux jimirdu biex icomplu jnakkru il għadd b'iż-żejjed imnakkar ta'l Cunsilieri.

Mela jecc dina is-sessjoni ma ŭasletx fejn xtak il poplu il ħtija hi collha tiegħu, għaliex m'hux il flus u ix-xagħar abjad jagħmlu il Cunsilieri iżda il għerf u il ħila biex icunu jistgħu jakdu dmirhom seŭŭa. Huma ma ħakkhomx ħlief tifħir għaliex sa fejn setgħu u scond il feħma tagħhom għamlu m'il aħjar; jecc dac li għamlu ma jogħġobx b'iż-żejjed lil poplu dana għandu jibgħat hemm fuk nies aħjar biex jakduh chif jixtiek hu. Is-sigra ta'l bajtar ma tistax tati angas.

Iżda il poplu jista jagħmel dina il ħatra seŭŭa ? Bla ma nokgħod naħsibha darbtejn inŭiegeb le; għaliex fi ħŭejjeġ ta' politica lil poplu kiegħdin iħalluh f'il għama għal collox bħallichiecu dac li jsir f'il Cunsill ma jmissx lilu. X'jisŭa li il 'Gazzetta di Malta" iġgib dac li jsir u li jintgħad f'il Cunsill u xi dakkiet chif jakblilha ucoll ? X'jisŭa billi il "Malta Herald" u il "Chronicle" igibu f'colonna dac li sar f'seduta sħiħa ta'l Cunsill biex imbagħad il colonni l-oħra jimleŭhom b'il *football* ta'l Ingliżi ? Il biċċa il cbira ta'l poplu ma tafx takra b'it-taljan jeŭ bl-ingliż u ħafna minnhom ma jistgħux iħallsu l-abbonament kaŭŭi tagħhom. Mela il gazzetti taljani u ingliżi li għandna għal biċċa il cbira ta'l poplu jistgħu ma joħorġu xejn għaliex iħalluh fl-ilma li jcun.

Tgħiduli: – "meta jakraŭ l-intelligenti u jaħtru huma ma hux b'iż-żejjed, hemm bżonn li jindaħlu f'da'l praspar ta'l imgħaska u il carrozzieri ucoll?" Inŭiegeb malajr: "Jecc li jgħidu daŭn ma jgħodd xejn għala tatuhom il vot u tmorru tmellsuhom fl-elezzjonijiet? biex tgħaddu qŭarta żmien bihom sa' jtellgħucom hemm fuk u imbagħad tarmuhom bħal lumija magħsura? Jecc il poplu tajtuh il vot b'is-serjetà allura il ħatra għandu jagħmilha hu. Jecc ma hux ta' min jati pis għal ħatra li jagħmel, għaliex m'hux imgħallem biex jaħtar seŭŭa, għala tajtuh il vot u titolbuh dana il vot li għandu?

Mela il poplu għandu jivvota għaliex hu kiegħed iħallas il cotra ta't-taxxi; biss biex jivvota tajjeb hemm bżonn li jcun imgħallem seŭŭa.

U chif? Dan hu il busilis!

Il poplu s'issa għadu katt ma ŭaħħal f'rasu li jŭakkaf gurnal seŭŭa ta' cull jum biex jiftaħlu għajnejh u jakbeż għalieh chif imiss. Ma haŭnx hlief erba gazzetti b'il malti f'il gimgħa u l-acbar ŭaħda hi in-"Naħla" tiegħi. Issa chiecu in-"Naħla" ŭieħed jimliha collha b'il pulitica ma tcunx b'iż-żejjed biex tlaħħak ma collox, aħseb u ara li fiha cullħadd irid jsib xi ħaġa li togħġbu, m'il Evangelju sa'r-romanz, m'il aħbarijiet sa'l programmi ta'l baned u in-necrologiji, m'il poeżija s'ax-xarada u allaħares xi gimgħa tonkos għaliex l-ittri mimlijin bl'insulti u b'il pastasati ma jonksux. U barra minn għal dan il poplu (u dan juri chemm għadu l-ura) isib flus għal collox; morru cull f'il għaxija duru iċ-ċinematografi u taraŭ lil daŭc li jocorbu il għacs għal sold f'il gimgħa ġurnal jonfku xi *sixpence* jeŭ actar cull lejla jeŭ spiss biex imorru jgħaddu nofs siegħa żmien ma'l familja. Irid chiecu ŭieħed jgħidlu f'ŭidintu: "M'hux aħjar chiecu lil martec u lil uliedec, f'loc li tieħodhom xi dakkiet jiscandalizzaŭ irŭieħhom b'daŭc il ħafna xeni ŭisk drabi m'hux xierka u b'dac il ħafna ktil u kerk li jħassrilhom klubhom, tatihom jakraŭ xi ħaġa sabiħa li minnha jitgħallmu jakdu aħjar dmirhom?" Iżda ma nissugrax ingħidielu għaliex jien sgur li jŭiegibni: "Int taf għa x kiegħed tgħidli hecc għaliex int ġurnalista biex iżżid l-imsieħbin f'il gazzetta tiegħec" u la jaħsel iŭaħħalha hecc f'rasu ma tneħħihielu lankas b'xebgħa stanga.

Mela li ŭieħed igħallem seŭŭa il poplu chif jakdi dmiru b'il ġurnali għadna l-ura ħafna u il ġurnali li haŭn għadhom dgħajfin ŭisk biex jaslu fejn jixtieku.

Ir-rimedju li scond il fehma tiegħi ŭieħed jista jistenna minnu xi gid huma il MEETINGS. Daŭna m'hux biss huma bla ħlas, iżda jilħku tant lil min jaf jakra chemm ucoll lil min ma jafx, u meta ŭieħed jagħmilhom spiss jisŭeŭ ŭisk għaliex il poplu jibda jieħu interess f'il politica ta'l pajjis u jibda jitgħallem u jagħraf in-nies; u għalchemm il poplu ma għandux rasu mimlija b'ħafna għerf politicu iżda għandu *bon sens* b'iż-żejjed biex jagħraf il gid m'il-deni tiegħu. Hemm chiecu jisma jitħaddtu lil Peppu u lil Ciccu u jibda jagħraf x'jiżnu u meta tigi l-elezzjoni jcun jaf għala għandu jaħtar lil Ciccu jeŭ lil Peppu bħalha Cunsilier. Il MEETING hu scola sabiħa ħafna u jżomm klub il poplu imħaġġa dejjem lejn dac li kiegħed isir f'pajjishom. Għala mela il poplu kiegħed jitħalla f'dana il għama collu? X'inhi ir-raġuni? Għala bħal ma is-Sur Savona u sħabu chienu jatu soddisfazzjon lil poplu ta' cull ma chienu jagħmlu u cull ma chienu jaghmlu chienu jagħmluh ŭara li jcunu semgħu il fehma ta'l poplu, is-Sur Cicc Azzopardi u sħabu ma jagħmlux l istess? X'biża għandhom la jcunu b'il fehma li jimxu seŭŭa u li jfittxu il gid ta'l poplu?

Dan hu għalija l-acbar dnub ta'l pulitica ta's-Sur Cicc u Sħabu li biex tcun taf x'inhu jsir f'il Cunsill hemm bżonn li b'il fors takra il "Gazzetta di Malta;" minn ma jafx jakra jeŭ ma jistax jakra dic il gazzetta jeŭ xi oħra bl-ingliż, agħar għalieh, jibka f'il għama u jħallihom igħumu chif jidrilhom huma.

Le, dana ma hux seŭŭa: bħal ma jinkdeŭ bl-elettur; meta jcun hemm bżonnhom jinħtieġ li jfehmuhom x'inhu jsir billi dac li jsir hu il gid jeŭ id-deni ta'l poplu u m'hux ta'l Cunsilieri biss. L-istess sar ma'l Cunsill Popolari, malli inkdeŭ bih tefgħuh fuk l-ixcaffa fejn ħalleŭh jitgħabbar.

Le, jecc is-Sur Cicc u Sħabu jridu li jsibu il poplu dejjem magħhom hemm bżonn li jirrispettaŭh u jiccalculaŭh, u m'hux jisserveŭ bih meta jcollhom bżonnu biss; għaliex inchella meta jfittxuh ma jsibuhx u dana jcun deni cbir ħafna għal pajjis.

Ħaġ'oħra. Barra milli il MEETINGS huma scola ħajja għal poplu biex icun jaf jakdi dmiru seŭŭa u biex icun jaf jaħtar il Cunsilieri it-tajbin; jagħmel gid ħafna ucoll m'hux biss billi jżomm moħħ il poplu imxeblec fuk il pulitica actar milli fuk ix-xalar, iżda ucoll billi juri lil Ingħilterra li aħna ma aħniex cuntenti b'il mod chif inhu maħcum il pajjis. Pacenzja li, chif ċanfarhom b'ir-raġun collu il *"Malta Herald"* ftit chisru ma tul is-sena ras il Ministru ta'l Colonji biex ifehmuh fuk hiex il Poplu Malti ma chienx cuntent u x'chien kiegħed jitlob b'il ħakk collu; iżda għallankas chien imissħom għamlu ftit MEETINGS ħalli dana l-imbierec ta' Ministru jintebaħ li f'Malta hemm jaħmi it-tixŭix u li m'hux għaddej collox lixx chif ipingilu il Gvern u xi ġurnalaċċ ta's-suldati.

Barra minn dana illum għandna id-Duca fostna u chiecu xi darba, meta jcun sejjer Sant'Anton jara dic is-sħaba nies li jcunu kiegħdin jagħmlu il MEETING, jintebaħ li f'dina il colonja prezzjusa il poplu m'hux għal kalbu, u ta' ragel għakli chelma f'ŭidnet ħuħ, ir-Re, jgħaddiha sgur; u minn dana gid jista jcollna għaliex is-Segretarju ma jibkax imixxi id-dgħajsa chif jidhirlu hu.

Mela is-sur Cicc u Sħabu, biex icunu tasseŭ kiegħdin jakdu dmirhom seŭŭa, hemm bżonn li m'hux biss iħambku f'il Cunsill, iżda ucoll li jgħarrfu spiss lil Ministru m'nhiex kiegħed ighemghem il poplu malti u li jagħmlu spiss MEETINGS ħalli il poplu jitgħallem, icun jaf x'inhu jsir u jitkankal għal pulitca bħal ma chien ġara fi żmien is-Sur Savona; u biex il Ministru meta jara it-tixŭix jifhem li dana il poplu m'hux cuntent b'iż-żejjed m'il ħacma tiegħu. Min ma jibchix, ma jardax u min jaħbi għommtu jmut biha. Xi trid tagħmel? tasseŭ li dana jcun taħbit ma dac li għandhom il Cunsilieri u bla ħlas ta' xejn. Iżda min jicriha jrid jokgħod għaliha.

★

## FRAC.

Il festa li għamlet il Banda "La Vallette" f'il Ġnien Argotti irnexxiet ŭisk billi chien hemm ma'l ħames t'elef ruħ u ġabru kliegħ ma'l mitt lira li marru għa's-"Società di Mutuo Soccorso" ta'l istess banda. Il Ġnien chien imdaŭŭal sabiħ ħafna b'il-*luce elettrica* għal l-eŭŭel darba, u b'il lejl chien fih xtara tasseŭ. Intrefgħu ħafna premijiet sbiħ u il Baned "La Vallette" u il Queen's Own" dakkeŭ żeŭġ programmi tant tajjeb li kalgħu it-tifħir ta' cullħadd. Nifirħilhom għalhecc b'il kalb għal dana is-sandar li katgħu.

L'istess programm dakkeŭh ucoll nhar Lapsi, f'Għar-id-Dud, kalb folla cbira ta' nies li ħargu cuntenti tasseŭ.

★

B'kalbi collha irrid nifraħ ucoll lil Contin u Avucat Alfredo Caruana Gatto B. A. u l'it-Tabib Ġanni Gulia C.F. ta' Għaŭ-

dex talli geŭ maħturin bħalha Membri Attivi ta's-"Societa' Zoologica Italiana" ta' Ruma li tagħha hu President il għaref Professur Carruccio u li bħalha President-Onorarju għandha is-Sultan ta'l Italja stess. Cullħadd jaf li l-Avucat Caruana-Gatto sejjer, ma jdumx, għaliex ġa kiegħda tistampa ruħha, joħroġ opra li tagħmel unur cbir lilu u lil pajjisna ucoll. Dina hi il "Flora Maltese" li ilhu jaħdem fukha ħafna snin u li fiha sejjer jatieh dakka ta' id il botanicu famus Sommier li ftit żmien ilu chien gie apposta haŭn u sab il "Melitella." Barra m'il "Flora Melitensis" ta' Delicata u minn xi xogħol ieħor ta'l Prof: Gavin Gulia ma naf bl-ebda xogħol seŭŭa ieħor fuk il ħxejjex maltin; u għalhecc b'illi m'iż-żmien ta Delicata u ta' Gulia, saru ħafna studji ġodda, u sabu ħafna ħxejjex ġodda u intebhu b'ħafna sbalji li chienu ittieħdu f'daŭc l-opri, dina il "Flora" ta'l Avucat Caruana-Gatto chienet meħtieġa ŭisk. U jiena li studjait ucoll din ix-xjienza, u li chemm il darba mort ma'l Avucat Caruana-Gatto niġru il campanja tagħna infittxu il ħxejjex, u għalhecc naf b'liema rekka u b'liema serjetà jakdi dmiru dana il bravu naturalista tagħna, li għalieħ barra minn Malta semmeŭ xi dud u xi bebbux, nista inħabbrilcom mn'issa li ix-xogħol li sejjer jatina sejjer jcun xogħol serju, complut u maħdum fuk l-aħħar chelma ta'x-xjenza. Alla jcattarlu is-saħħa ħalli jcompli b'il mod jatina ucoll l-opri l-oħra fuk l-Istorja Naturali tagħna.

It-Tabib Gulia bi ħsiebu jmur għal Congress li sejra iżżomm f'Ruma, f'ġunju li ġej, is-"Societa' Zoologica" biex jakra discors tiegħu fuk xi ħaġa ta' Malta. Daŭna il ħŭejjeġ jagħmlu unur cbir lil pajjis u għalhecc ma nistax ma nieħux pjacir bihom.

★

Lil daŭc li spiss jibagħtu jistaksuni xi ħŭejjeġ bla ma jagħmlu isimhom irrid ingħarrafhom li għal l-ittri bla firma ma inŭiegeb katt. Scond il ftehim biex nirrispondi għal mistoksija ŭieħed irid m'hux biss icun imsieħeb iżda jrid ucoll icollu collox imħallas meta jagħmel il mistoksija. Mela jecc ŭieħed ma jagħmelx ismu taħt il mistoksija chif incun naf jecc hux imsieħeb jeŭ jecc ma ħallasx? Nitlob ucoll lil daŭc li jictbuli u ma inŭiegibhomx malajr biex ma jdendlux xuftejhom għaliex billi irrid immexxi il ġurnal collu ŭaħdi u ma dan irid inlaħħak ma'x-xogħol ta'l Korti m'hux dejjem jirnexxili li niccuntenta lil cullħadd malajr. Chiecu ŭieħed jipprova chemm trid taħbil-il-moħħ u taħbit biex ticteb, ticcorriegi, tagħmel ircevuti, indirizzi, u corrispondenza ta' ġurnal bħal dan f'il gimgħa jagħdirni sgur.

# AĦBARIJIET TA' BARRA.

**L-Armeni** ta' Adana talbu l'is-Sultan il ġdid ta't-Turchija biex jati ordni lill musulmani ta' hemm li ma joktlux actar insara u dana ħareġ *iradè* (ordni) li cull musulman li joktol nisrani għandu jigi maktul hu ucoll. Għallankas id-daŭl ta'ĉ-ċiviltà feġġ fl-aħħar fuk it-Turchija ucoll!

**Il Germanja** kiegħda tħabbel ħafna ras l-Inghilterra billi ta' cull jum kiegħda iżżid il frejgati fuk il mudell ta'd-*Dreadnought*, igifieri ta' xi għorin elf tunnellata b'xi tużżana canuni m'il cbar. L'Inghilterra kiegħda tifhem li b'dan il mod il Germanja trid issir hi ir-Regina ta'l Baħar, u għalhecc kiegħda tħabrec chemm tista biex ma tħallihiex billi għal cull *Dreadnought* li kiegħda tvara il Germanja l-Inghilterra kiegħda tvara tnejn biex il flotta tagħha dejjem tcun id-doppju ta' dic ta'l Germanja. Issa il Germanja ŭaħħlet f'rasha li sa'l 1912 għandu jcollha 13 il *Dreadnought* varati u għalhecc l'Inghilterra għandu jcollha 26 lest u li sa'l 1920 għandu jcollha varati 36 u għalhecc l-Inghilterra jrid jcollha 72 varati li jkumu il miljuni il cbar. Iżda dana ma hux b'iż-żejjed għaliex dan l-aħħar rajna chif ingħakdu għalenija l-Austrija u il Germanja fl-aħħar tgherfixa ta'l Balcan u għalhecc billi l-Austrija sa'l 1912 għandha jcollha varati xi tmien *Dreadnoughts* oħra jecc l-Inghilterra trid tibka ir-Regina ta'l Mediterran, u issid ta'l istrett ta's-Suez hemm bżonn li f'il Mediterran, sa'l 1912, icollha xi sittax il *Dreadnought* għassa għal l-Aŭstrija billi l-Italja bħal ma rajna da'l ġranet bakgħet damma seŭŭa ma'l Germanja u ma'l Aŭstrija.

Dana jcun gid bla tarf għalina għaliex l-Inghilterra f'loc li tnakkas il flotta ta'l Mediterran icollha iżżidha seŭŭa, u biex tilka il ħruġ ta'l flotta aŭstriaca m'il baħar Adriaticu ma għandha l-ebda port aħjar minn Malta li hu f'il kabda ħafna; u meta l-Inghilterra iżżid il flotta haŭn għalina ma jfissirx ħlief risk; għaliex icollha tcabbar it-tarznari u iżżid in-nies u allura jasal il ŭakt li biex il flotta ingliża tcun sgura f'il port tagħna icollha tagħmel dac ix-xogħol ta'l Canal ta'l Marsa li semmejt tant drabi u li jati ix-xogħol lil ħafna nies. Mela chien ħakku min iżejjinlu it-torok b'il bandieri lil l-Imperatur ta'l Germanja għaliex il miġja tiegħu chienet biex isaħħaħ ŭara haŭn il ħbiberija tiegħu ma'l Italja u ma' l-Aŭstrija u dina il ħbiberija sejra iġgigħel lil l-Inghilterra m'hux biss li tħaddem ħafna nies b'il bini ta'l bastimenti iżda li iżżid seŭŭa il flotta ta'l Mediterran u dana jcun ta' gid bla tarf għalina. J'Alla!

★

## AVVIS.

**Il Bord tal Istitut ta'l-Arti u's-Snajja 'VINCENZO BUGEJA,' msejjah biex imexxi il-Legat ta'l-Arti u's-Snajja, iddecida illi jibda it-tagħlim tas-Snajja u jiftaħ għal issa il Corsijiet li gejja:—**

**a) Disinn, lineari u geometricu, bl'applicazionijet tiegħu.**
**b) Pittura decorativa, bl'applicazzionijet taħħa.**
**c) Scultura Decorattiva, bl'applicazzionijet taħħa.**
**d) Tgħakkid u xogħol tal injam.**
**e) Tghakkid u xogħol tal hadid.**
**f) It-tifsil tal hajjata.**
**g) Aritmetica bin-numri u'l hzuz giodda, dauc li ighidulhom "Grafica Statica" fis-sengha tal Bini.**

**Il Bord izomm id-dritt li inakkas minn dawn il Corsijiet li semmejna jew jzid ohrajn scond il bzonn.**

**Ghalhecc cull min icun irid jidhol f'xi Cors minn dawn li għedna jew xi ieħor li ma semmejniex, għandu f'zmien xaghrejn mid-data ta dan l-avvis, jibghat ricors lis-Segretariu hawn taħt msemmi, li ghandu is-setgha li jircievih.**

**Cull min iirricorri irid icun mitwieled f'dawn il Gzejjer, u ma iridx icollu inkas minn tnax il sena, u ghandu jibghat il fidi tal magħmudija u certificati tal condotta, u ighid ucoll b'il mictub f'liema minn dawn il Corsijet icun irid jidhol.**

**Il Bord mbaghad jistieden dawc collha li icunu iridu ighallmu xi wiehed jew iżjed mis-suggetti li għedna, jew suggett ieħor ta Arti u ta Snajja, li ma semmejniex, biex jictbu lis-Segretarju tal Bord, u minn għandu jistghu ucoll icunu jafu cull ma jinħtieg fuk dac li jcunu chitbulu.**

**Mill Ufficiu tal Istitut tal-Arti u's-Snajja "VINCENZO BUGEJA"**
**151, Sda. Cristoforo, il Belt.**
**fid-29 ta Mejju, 1909.**

**ALFONSO M. MICALLEF**
**Membru u Segretariu.**

Nitolbu għa'r-ruħ ta

**CARMELA BARBARA**

li mietet f'tal Pietà f'it-18 ta' Mejju li aħna fih, ta' 38 sena.

Alla jatiha il mistrieħ ta' dejjem!

# Il Melodramm Malti.

## ANTON NANI.

Tŭieled il Belt, f'ottubru ta'l 1843, m'il compositur ta'l musica li semmejna kabel, l-Avucat Paŭlu, u minn Maddalena Cuschieri.

L-eŭŭel studju ta'l musica għamlu taħt missieru u taħt l-imfaħħar Patri Spiteri Fremond. Imbagħad mar Napli fl-1867 fejn studja f'il Cunservatorju ta' hemm taħt Barbuti Agnello u il Commendatur De Giosa sa'l 1877

Meta chien Napli chiteb iż-"Zorilla," dramm buffu fi tliet atti fuk librett ta' A. Spadetta, u li sar l-eŭŭel darba f'it-Teatru Mercadante ta' hemm fl-1872 u imbagħad f'Malta fl-1873 u fl-1874 fejn intgħogob ŭisk.

Fl-1883 chiteb "I CAVALIERI DI MALTA", dramm liricu fi prologu u tliet atti fuk librett ta' Enrico Golisciani, u li meta sar f'it-Teatru tagħna intgħogob ħafna ucoll.

Fl-1889 u imbagħad fl-1901 saret f'it-Teatru tagħna l-'AGNESE VISCONTI" tiegħu, dramm liricu f'erba atti fuk librett ta' Golisciani li ħa is-soġġett minn fuk il Cavallotti u irnexxiet ŭisk.

Meta saret iż-Żorilla fl-1873 cantaŭ fiha il Fanny Rubini, id-De Sanctis, Proni u Linu Conti.

Meta saret fl-1874 cantaŭ fiha ir-Rubini, Runcio, M. Medica u Linu Conti.

Il "CAVALIERI" giet cantata minn Ġulja Firmani, G. De Sanctis Marionecci, De Anna u il Villani.

L'"AGNESE" cantaŭ fiha fl-1889, Sancte Athos, V. Paganelli, V. Pasquali, Elisa Riccardi u il Giommi.

Meta saret fl-1901 cantaŭha E. Nani, il primadonna Ferrini, Zenatello li illum laħak ŭieħed m'il akŭa cantanti ta'd-dinja, Campofiore, Franchi u Ubaldi.

Is-Surmast Petrella, l-aŭtur ta'l Jone, meta f'id-dar ta'l Commendatur De Giosa, f Napli, sama tindakk fuk il pjanu Marċja funebri ta'l "AGNESE" faħħarha ŭisk.

Is-Sinfonnija ta'l "AGNESE" indakket f'il Culleġġ ta' San Pietro a Majella m'il Filarmonica ta'n-Nobbli ta' Napli taħt it-triegija ta'l Commendatur De Giosa chif ucoll f'it-Teatru San Carlo ta' hemm f'il cuncert ta'l contrabaxxista Bottesini

Tgħiduli is-Surmast Nani għadu ħaj u għalhecc stajt tagħmel biografija itŭal. Hecc hu iżda ŭara li mort għandu u ċtibtlu chemm il darba ma irnexxilix nieħu minn fommu actar minn dana. Jecc xi ħbieb tiegħu, u għandu ħafna, jridu jieħdu il pacenzja biex ma dan li għidt jien iżidu xi ħaġ'oħra huma, jibagħtuhieli u jiena b'il kalb collha nistampaha f'in-'Naħla".

Culħadd jaf li is-Surmast Nani chiteb ħafna musica sabiħa għal cnejjes ucoll, iżda fuk din għad nitchellem meta ninseġ, jecc nibka ħaj, l-Istorja ta'l Musica Sacra Maltija.

★

# Ġ'ŬANNA D'ARC

Irħeŭlha f'idejha carta biex tagħmel isimha fiha, u kalulha li ma chienetx ħaġa oħra ħlief biex tŭiegħed li ma iġġibx actar ilbies ta' raġel meta tcun liebsa l'azzar. Ġŭanna għamlet salib, għax ma chienitx taf ticteb; iżda il carta ma chienetx chif kalulha; chienet *dichjarazzjoni* li biha chienet kalet contra tagħha stess li hi saħħara; u bejtuha hecc bl-icreħ li saħansitra chienu jissemgħulha collox meta chienet tkerr, biex jcunu jafu actar fhiex għandhom isibulha ħtija. Talli għamlet mn'idejha f'dic il carta tefgħuha il ħabs għal għomorha, hobs u ilma; u għa'x darba serkulha ħŭejjiġha u biex tinsatar libset il libsa ta'l malja ta'l gŭerra, li kiegħdulha apposta, contra dac li minn għaliha chienet ŭiegħdithom, u għalhecc iccundaunaŭha għal ħruk. Il mistoksijiet bdeŭ nieżlin minn cullimchien bħa'x-xita il kaŭŭija. Rieduha ta' bilfors tiċħad dac li rat u semgħet. Ma rieditx. Għalhecc, u għax kalet li chellha xi dehriet ta'l Kaddisin Catarina, Margarit u l'Arcanġlu Michiel; għax kalet li daŭn chienu ilhom jidrulha minn mindu chellha tliettax il sena; għa'x kalet li meta marret għand is-Sultan daŭn chienu magħha, u billi libset ta' raġel f'il gŭerra u kalet li għamlitu mgegħla mn'Alla, chienet iccundannata għal meŭt l'actar ħarxa, igifieri għax ma kalitx dejjem ħlief is-seŭŭa.

Nisthajjel tgħiduli: x'għamlu il Franciżi f'biċċa bħal din? Is-Sultan chif ġa għedna ħasel idejh u erħiha bla ma tagħa il ħadd biex jakbeż għaliha kuddiem l'egħdeŭŭa tagħha; u xejn ankas minnu ma għamlu il Franciżi l-oħra. Irħeŭha ma'r-rieħ li chien għaddej, u xejn ma kagħdu iħabblu rashom b'dic li ŭaslet sa hemm biss biex teħles lilhom u lil pajjishom m'id-dŭiefer ta'l barrani. Hecc jitħallas m'il biċċa 'l cbira ta'n-nies ta'd-dinja min jagħmel il gid. U l'Ingliżi mi'n-naħħa l-oħra x'inhu li għamlu? Bl'acbar ħruxija, meta sabu dan il ħaruf ġŭejjed taħt dufrejhom, bħalha ħafna lpup imgeŭŭha riedu iseŭŭbu il killa tagħhom fukha, u ŭaslu sa għamlu dic it-tebgħa cherha u li tŭaħħax fuk isimhom u li ħadd ma ineħħielhom sa chemm dana jibka jitlissen fuk il ŭiċċ ta'l art.

Iżda f'collox issib il ŭieħed u l-ieħor. Chien hemm xi ftit ucoll li kabżu għaliha, u kalu, li jecc jagħilkuha f'ħabs chien icun b'iż-żejjed, u ma chien hemm l-ebda ħtieġa li jekirduha, u li jkanklu ħafna għajdud u taħŭid. Għalhecc il biċċa inkatgħet fl'aħħar li jaħfrulha chemm il darba tistkarr kuddiem culħadd li dac collu li kalet ma chienx minnu, iżda chienet ħolma maklugħa minn żniedha, u li għanda titlob maħfra u tgħid li għamlet ħażin. Iżda Ġŭanna ma riedet b'xejn tagħmel dan, u lankas il biża ta'l meŭt ma seŭa biex igegħilha tgħid ħaġa b'oħra; għaliex chienet taf li dac li rat u li kalet chien ta's-seŭŭa, Taŭha iż-żmien biex taħsibha biex jaraŭ iddurx; iżda meta raŭ li chienu kiegħdin jagħżku fl-ilma, mdaħdħa f'demmhom għergru x'ħin għiddmu xuftejhom: "nekirduha lil d'il misħuta." U hecc għamlu.

—o—

**MAHRUKA!!**

F'nofs il cbir misraħ ta' Rouen ma contx tilmaħ sa min biċċa ħin ġmielha kabel ħlief għeġŭegija cbira ta' nies u ta' suldati, li mħabbta chienu jiġġerreŭ l'haŭn u l'hinn biex igibu u iħejju daŭc il ħŭejjeġ meħtieġa collha li fukhom chellha tcun maħruka Ġŭanna. Meta ngħabret in-nies seŭŭa u sar il ħin, l'imsejcna ta' xbejba carcruha u ġebbduha bi ħruxija li katt bħalha għal loc ta'l ħruk. Chienu il 31 ta' Mejju 1431, igifieri meta ma chienx għad għandha ħlief ŭieħed u għoxrin sena. Il ħuġġieġa li chellha tagħmel irmied dac il ġisem safi u li tant bażża lill egħdeŭŭa giet imkabbda fost iddagħa faħxi u id-daħk ta's-suldati. Biex icattrulha l'ugiegħ, cseŭ fejn chellha tokgħod b'it-tafal, biex meta jicŭi ixaŭtilha laħamha kabel jaħrakha. In-nar beda jlebleb u jfernak u għamel għagħa ġmielha li cattret il ŭaħx ta'l ħemda li ŭakgħet fuk in-nies li chien hemm biex jaraŭ dic il meŭt chiefra. Daŭc li ŭassluha sa hemm meta raŭha f'nofs il ħuġġieġa bla ma titniffes, u ma hix ħlief titlob ħniena mn'Alla, ħasseŭ bħal xi ħaġa tinkata minn kalbhom u sfaru bħal karsa ta'x-xama, u m'il kalba ta' għajnejhom cont tintebaħ xi klub chien hemm miżrugħa f'is-sider ta' daŭc il ħafna nies karrieka u bla ħniena. Talbet kassis biex iħejjilha ftit ruħha u ibegħdilha ftit ħsiebha minn dic il moħkrija li ġarrbet f'dal ŭied ta'd-dmugħ, u ma

# TLAKKIT.

**Dr: Svan Hedin** talab għaxar t'elef lira ta'l ctieb li chiteb fuk il vjaġġ li għamel f'it-Tibet fl-Asja. Lord Morley chien ħa għaxar t'elef oħra talli chiteb il "Life of Gladstone." Imbierca l-Inghilterra għal chittieba !

**Lord Burnham**, il proprietaru ta'd-"Daily Telegraph" beda ħajtu bħalha compositur fl-istamperija ta'l istess ġurnal.

**Lord Allerton**, missier il Hon: F. S. Jackson, tŭieled bin conzatur fkir f'Leeds. B'ħiltu sar Membru f'il Parlament, Cancillier Privat, Mayor ta' Leeds u Baruni fl-1902 !

**Xi sitt elef lira** jinġabru fl-Inghilterra multi minn fuk daŭc li jgħelltu in-nies fl-użin f'il baħ.

**Fl-America** f'sena daħlu tlittax il miljun libra cafè ta' Moca iżda f'il ħŭienet imbigħu taħt l-istess isem mitejn u ħamsin miljun !

**F'it-terremot** il cbir li sar f'il Ġappun fl-1896 giet meŭġa ta' baħar, għolja xi ħamsin pied, li refgħet scuna cbira u bakgħet dieħla biha għal nofs mil. ġo l-art, barra m'il ħsara cbira li għamlet.

# SFORJA TA'L PAPIET.

XXI.

## S. FABIANU.

**Saltan għal tliettax il sena, xahar u għaxar t-ijiem. Laħak f'is-sena 240 u miet f'is-sena 253.**

Meta inġabru il cbarat ta'l Cnisja biex jaħtru il papa il ġdid, ħadd ma chien ħaseb li għandhom jagħżlu lil Fabjanu iżda daħlet ħamiema u marret kagħdet fuk rasu u għalhecc cullħadd fehem li ir-rieda ta's-Sema chienet li jaħtru lilu; u hecc għamlu. Dan chien ruman u bin Fabju. X'uħud igħidu li hu chien li għamel nisrani lil l-Imperatur Filippu u lil ibnu. Chien kalbu ħanina ħafna u chien ikassam lil fkar dac collu li chien jibka żejjed f'il Cnisja u b'hecc chien jobdi għal dac li ried Cristu: *"Date quod superest pauperibus."* Ħadem ħafna contra l-eretici, miet martri u difnuh f'iċ-Cimiterju ta' S. Callistu.

# CRONOLOGIJA TA' MALTA.

Mejju

31—1475. Is-Sultan Ġanni ta xi privileġġi lil Maltin.

Ġunju.

1—1798. Dehret il Flotta Franciża kuddiem il Port.

2—1669. Miet il Gran Mastru Annettu De Gessan.

3—1581. Saret parroċċa il Cnisja ta'l Isla.

4—1393. Laħak Iskof tagħna Don Nicolò Papalla.

5—1565. It-Toroc sbarcaŭ f'Għaŭdex.

„—1418. Beda jinbena il Cunvent ta'l Carmlitani ta'l Imdina.

6—1749. Inchixfet il cbira ftehima ta't-Toroc contra il Cavalieri,

# IS-SAHHAR FALZUN.

—"Ruħi jecc tħobb tasseŭ lili u lil Rusanna rabbi ftit ta'l ħila.... cheċċi ftit da'l ħsiebijiet coroħ.... għa'x jecc tintrema int lilna xi tridna nagħmlu ?..."

Ambroġ intebaħ li chienet kiegħda tgħidlu seŭŭa u għalhecc tenna:—

—"Ma hix il ħila li kiegħda tonkosni iżda ma irridecx taħseb li f'dal ŭakt li tlift l-ommoc tlaktec għal rasec u in-sejt in-nichet tiegħec, le...."

—"Ħallic minn dan, Broġ," kaltlu Marija x'ħin b'il mactur li chellha imsappap f'idejha mesħitlu ħaddejh m'il bichi, "l-imħabba ta' missierec u t'oħtoc chienu kabel tiegħi u t'ommi u għaldakstant ma nifhemx u lankas irrid li tcheċċi lil niesec minn kalbec biex ingħammar fiha jien biss. Li chiecu ma contx tħobb lil demmec chif stajt katt tħobb lili ?..."

Rusanna meta semgħitha tgħid hecc għannkitha u biesitha u b'leħen micsur kaltilha :—

—"Marija ħares ftit fitt lejn xuftejn missieri u ara fukhom intix takra bħali l-aħħar xeŭka cbira tiegħu, igifieri il maħfra u il ġabra ta' dic l-imsejcna li kerditu għa'x chien iħobbha actar minnu in-nifsu stess...."

Ambroġ x'ħin sama da'l cliem kabeż xiber m'il art, kabad l-oħtu b'il ħerra minn spallitha u x'ħin ŭaħħal ma' ŭiċċha il għajnejn imberrka li chellu, bi snienu isserrati, kallha :—

—"X'għedt ?... x'int theŭden ?..." u baka ċass, chif chien, iħares lejha.

—"Le, Ambroġ, tagħha ma hix ħolma" kabżet kalet Marija x'ħin mellsitlu xagħru li chien tkanfed b'issaħna, "jiena ucoll kiegħda nifhem bħalha.... il Ħachem chellu kalb t'anġlu.... Carmena chienet il mimmi ta' għajnejh.... chien jaf fejn jaslu il kerk ta'l Cavalier u il bluha t'oħtoc.... chif sata jmut katt jisħitha ?... chif sata katt ma jixtiekx jaraha m'il ġdid fi ħdanu biex jaħfrilha ?..."

Ambroġ xtak iŭiegeb jiebes, iżda il ħarsa ħelŭa ta' Marija ma ħallietux; raġa poġġa mincbejh fuk xifer it-tebut, raġa ħeba ŭiċċu ġo kiegħan idejh u semgħuh jolfok bla ma jista jibchi, raŭħ iċaklak rasu bla ma jista jitchellem u insamtu.

Is-Sur Kalamias li ma chienx f'il bogħod u li għalhecc chien kiegħed idomm chelma b'chelma dac collu li chienu kiegħdin igħidu, sejjaħ b'idu lil Rusanna u lil Marija u minn taħt ilsien kallhom :

—"Għad ma hux il ŭakt. La titfgħux ilma fuk dic il ħuġġieġa kalila li chibset f'kalbu għa'x tfernak iżjed. Complu itolbu għal ruħ il mejjet ħalli jsib il mistrieħ ta' dejjem u il bkija naħsbu fih ŭara...."

Il Baruni Gaŭci fehimhom b'rasu li jaħsibha bħalu u għalhecc Rusanna x'ħin ħaddnet ma kalbha riġlejn missierha, infexxet f'talba b'tant ħrara u b'tant cliem li jkankal li collħa tenneŭ cliemha għarcoptejhom imħallat ma'l bichi tagħhom; u x'ħin ŭaslet fl-aħħar u bdiet b'is-setgħa ta' kalbha collha tgħid u titlob : "Mulej ta'l ħniena, ati lil ruħu il mistrieħ ta' dejjem," Ambroġ instama jgħid magħhom "ati lil ruħu il mistrieħ ta' dejjem."

***

Il kraba u xi ħbieb tagħhom b'deŭ gejjin b'il mod il mod, u Rusanna u Marija inġabru f'rocna ta's-sala biex

jilkgħu il għomor li marru jatuhom. Is-Sur Kalamias beda minn taħt ilsien jitħaddet ma'l Baruni Gaŭci, imŭarrbin f'daħla ta' tieka, u billi is-Sur Kalamias chien jaf li il Baruni chien żagħżuh ta'l iscola seŭŭa u li chien iħobb ħafna cull ħaġa li tmiss ma' l-Istorja ta' pajjisu, kallu b'il gost li ħa meta Patri Damjan fehmu ŭchif geŭ l-irhieb Dumnicani f'Malta u liema chienu il Maltin imsemmija li ħarġu minn dana l-Ordni.

—"Chif u meta geŭ naf" kallu il Baruni "iżda liema chienu id-Dumnicani maltin imsemmija collha actarx ma nafx. Chiecu tgħidli lil min semmielec nibka nafulec ħalli nara jecc semmielecx xi ŭieħed li ma nafx għadni bih."

—"B'il kalb collha," ŭieġbu is-Sur Kalamias "għaliex żammejthom f'rasi biex meta insib xi tentufa żmien żejda nictibhom ħalli ma ninsihomx." U kallu li beda biex semmielu lil kdejdes ANTONJU li miet f'Notu ta' Skallija imfaħħar minn cullħadd għa't-tieba cbira tiegħu; l'it-Teologu Patri PIETRU ATTARD li chien eżaminatur ta'd-Djocesi u Consultur ta'l Inghiżitur; lil għaref Teologu Patri FLIPP DE BARBIERIS li gie m'is-Sultan Ferdinandu maħtur biex jagħmilha ta' Inghiżitur billi chien miġjub ŭisk; lil Patri DUMINC BARTOLO li chien imsemmi ħafna billi chien jaf tajjeb id-Dritt Canonicu u li għamilha ucoll ta' Inghiżitur għal ħabta ta'l 1492; lil Patri AMBROG BUTIGIEG, teologu m'il aħjar ta' dac iż-żmien u li għal għerfu gie maħtur m'il Papa Ġulju Tlieta bħalha Iskof Ariense *in partibus infidelium* u li gie mibgħut fi Lvant bħalha Nunzju Apostolicu biex iżur l'in-nazzjon caldea mnejn baka dieħel sa'l Indji fejn miet f'Goa; lil Patri ANTON ŻAHRA, li chien mar sieħeb f'il missjoni ma'l Iskof Butigieġ li semmejna, u li ŭara il meŭt ta' dana baka jżur l-Indji ma'l Arciskof Ermete Elia, u li meta mar m'il ġdid f'Ruma biex fihem lil Papa Piu V il gid li għamel f'daŭc il pajjisi dana, biex iħallsu ta' xogħlu, ħatru Iskof ta' Vicu; lil imfaħħar Predicatur Patri LEONARD BUTIGIEG li chien isaħħar b'il cliem u b'il għerf tiegħu lil cull minn chien jisimgħu jippredica f'San Ġŭann u f'il Catidral; lil Patri MARCU li chien igħacches gismu bi hruxjia cbira u li miet f'Paliermu fl-1555 magħdud minn cullħadd bħalha kaddis; lil Patri MATTEU, teologu m'il gŭappi li għal għerfu għamilha ta' Inghiżitur, għal ħabta ta'l 1434, u li chien imfaħħar ħafna għa't-tjubija cbira tiegħu ucoll; lil Patri TUMAS SCHEMBRI li għal kdusitu gie maħtur m'il Iskof Baldass Cagliares bħalha Visitatur Sinodali u li ħareġ ctieb ta'r-ruħ imfaħħar ŭisk; lil Parti ANTON TABONE li miet f'Paliermu f'it-30 ta' Settembru 1555 u li għal kdusija cbira tiegħu jatuh kima; lil Patri Majjistru PIETRU XARA li għal għerf cbir tiegħu gie m'il Papa Ġulju II stess maħtur Majjistru ta't-Teologija fl-1503, u chien miġjub hecc tajjeb li fl-1512 gie mibgħut biex jirranġa praspura għand is-Sultan Ferdinandu t'Aragona. u dana tant għoġbu fi cliemu li tah xi renti għal Cunvent ta'l Imdina; lil Patri Majjistru ĠANN-MATTEU RISPOLO, predicatur m'il aħjar u letterat m'il actar imsemmija f'dac iż-żmien. Għal għerf cbir tiegħu chien laħak Segretarju ta'l Cardinal Galamino u Teologu ta'l Gran Mastru Wignacourt; u għal priedchi li chien għamel fi Skallija gie imfaħħar ŭisk u miet fl-1638; lil Patri INDRI XUEREB, imsemmi għal kdusitu billi għamel ħafna miracli u li miet f'il belt ta' Serkuża f'is-26 ta' Dicembru 1578 fejn marret ŭarajh, sa difnuh, cotra cbira ta nies; lil Patri PIETRU ZURCHI teologu m'il aħjar u li mibgħut haŭn Malta fl-1466 bena il Cnisja ta'l Madonna ta'l Għar ta'r-Rabat biex kankal ma' pajjisna collu l-imħabba lejn Sidtna Marija; lil Patri BERT DE NASIS li għal għerfu gie maħtur Iskof ta' Nicopoli u Vicarju ta'l Metropolitan ta' Paliermu, u li chien mibgħut haŭn Malta biex jagħmel il griżma billi imħabba f'it-trascuraġni ta'l Iskof Carlu Urries chien ilna ħafna bla żejt; u xi ieħor li forsi ħarablu minn rasu.*

Il Baruni, billi chien imrobbi dejjem ma' djul id-Dumnicani u għalhecc chien miġbud lejhom bla tarf ħass kalbu titfarraġ meta sama li ħafna maltin bħalu imxeŭ għal għerfhom ħafna il kuddiem ma'l barrani u żommeŭ il gieħ ta' pajjishom; iżda billi bdeŭ dieħlin f'is-sala ħafna nies u ta'd-dar u in-neŭŭieħa ma chienux ħlief jixhru dehrilhom; u b'ir-raġun, li dic it-taħdita ma chienx waktha; u għalhecc bakgħu li xi darba il Baruni chellu jmur jagħmel żjara l'is-Sur Kalamias f'daru u hemm jitħaddtu fuk ħafna ħŭejjeġ sbiħ u ta' min jafhom bla tfixchil ta' xejn.

F'dal ħin instama il Catidral inakkar għal fratelli biex jaccompanjaŭ lil Hachem. Ambroġ malli il leħen tal kniepen, li chienu f'il krib, diŭa ġo ŭiċnejh kam minn hemm fejn chien mixħut bħal mibluh, ħares ħarsa ta' ksim il kalb lejn missieru, ibbaxxa biesu fuk ġbinu, xarrablu ħaddejh b'id-dmugħ ħiemed li chien kiegħed iliġġem chemm jista, u ŭara li mesaħ għajnejh sejjaħ lil kaddejja biex jara jecc chienux ħejjeŭ collox seŭŭa.

*(Jissocta).*

* *Min irid jakra xi ħaġa actar f'it-tul fuk daŭna id-Dumnicani imsemmija ifittex f'il* **Cajetano;** *(Idea Sanctorum)* **Abela e Ciantar** *(Malta Illustrata):* **Mifsud** *(Biblioteca);* **Ant: Schembri** *(Selva);* **Pirro** *(Sicilia Sacra);* **Ab: Costanzo; Salelles; Maurizio De Gregorio; Pozzo; Fra Gius: Zammit M.D.** *(Elogia);* **Ferris** *(Descrizione e Storia Ecclesiastica);* **Visita di Mons: Duzina** *u f'oħrajn.*

★

## Lil L-Imsiehbin.

Daŭna ħallsa sa'n-nu 39.

695 Ant: Pace-Nadur sa't-52; 696 Pio Enriquez-Misida; 697 F. Schembri-Mosta; 698 Xuereb Gni:-Ħaż-Żabbar sa't-52; 699 Carm: Agius-Ħal Luka sa't-26; 700 Clo: Camilleri Lanzon-Birgu; 701 Gius: Mizzi-Birgu; 702 Can: Lor: Dalli-Birgu; 703 Cunvent ta'd-Dumnicani ta'l Birgu; 704 Lor: Farrugia-Birgu; 705 V. Tabone-L-Isla; 706 Ign: Tabone - L-Isla; 707 Pace Carm:-Bormla; 708 Dr. Enr. Cauchi-Bormla; 709 Farm: G. Ellul-Busuttil - Bormla; 710 Cav: Orazio Agius - Bormla; 711 Vzo: Schembri-Zabbar sa't-52; 712 Sac: Ang: Falzon-Musta; 713 Sergte G. Galea-C. Balzan sa't-52; 714 Carm: Chetcuti-Floriana sa's-26; 715 Luigi Agius-Il Belt sas's-26; 716 G. Butigieg-Il Belt sa's-26; 717 Giov: Cassar-Il Belt sa's-26: 718 Mich- Tirchett-Bormla; 719 Dr: Rugg: Busuttil-Bormla; 720 Signa. M. Agius-Calcara; 721 Ros: Bugeja-Tarxien; 722 Ele: Lanzon-Tarxien.

★

## Logħob.

### XARADA

Għajta l-*eŭŭel*; għajta l-*aħħar*;
Nota it-*tieni* u l-*oħra* ucoll;
L-*intier* ittxu geŭŭa il baħar;
U d'il-logħba sgur int tħoll.

LEV.

★

### INDOVINALJA.

Liema hu dac l-annimal ċchejchen li jecc tbiddillu ittra minn ismu f'oħra jsir l-isem ta' annimal cbir ħafna?

★

It-tŭiegib jista jimbagħat sa'l aħħar ta' Ġunju u bejn daŭc li jibagħtu tŭiegib tajjeb jintrafa ctieb premju.

A. LEVANZIN.

**L'ISTITUT TA'S-SUR BORG**

*188, & 189, Strada Due Porte, l'Isla.*

Dan l'Istitut li gie imŭakkaf fl'1888 jinsab f'ŭieħed m'il ħjar postijiet ta l'Isla u għandu il comoditajjiet collha. Jinsab iffreqŭentat minn Fizzjali NAVALI U MILITARI, u m'il aħjar tfal ta't-3 Ibliet u oħrajn li jokogħdu f'postijiet actar f'il bogħod.

Jintgħata cors regolari ta'l-lingŭa Ingliża, Taljana, Francisa u Latina, ta' l-Aritmetica, Algebra, Geometrija, Mensurazjoni, ta'l Cummerċ, Storja, Calligrafija u Reliġjon.

Min irid jixtri linca ta'l istampa, seŭda jeŭ ta'l culur, ta' Lorilleux, b'irħis; u min irid jixtri torchju sabiħ ħafna bi prezz ħelu jicteb jeŭ jitchellem ma'd-Direttur ta'n-"Naħla" u jiftiehem sgur.

In-neguzjant u ħajjat Giovanni Valenzia ta' Bormla għadu ehemm ircieva assortiment cbir ta' casimiri, flanelli, alpaca u ta' drappijiet oħra m'il aħjar; u javża li jagħmel ilbiesi minn lira u tnax il xelin il fuk. Min irid jixtri id-drapp biss ibegħlu ucoll. Collox irħis u iggarantit.



Min hu marid bl-ANEMIJA (fakar ta'd-demm) u jrid ifiek F'GHOXRIN ġurnata jieħu

**L' ELIXIR**

**TA' S. VINCENS DE PAOLI**

Is-Sur G. Muscat ŭara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaŭŭi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaŭŭija. Daŭna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaŭh fukhom stess jeŭ fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr: Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbiħ fl-ispiżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

Ippruvaŭh gid jagħmlilcom sgur.

Tridu tpejjpu sigarretti m'il aħjar u m'il orħos?

Ixtru is-sigarretti "Special" ta' Alfredo Caruana ta' Ta's-Sliema li jimbihu f'il ħŭienet principali.

F'daŭna is-sigarretti hemm l-armi ta'l cunjomijiet.

Min irid jiecol tajjeb, b'irħis u f'post pulit u f'il kabda jmur f'il Colonial Buffett fejn chien armat kabel is-Sur Gingell u sgur li ma jibdielux.

Tridu tinkdeŭ b'Dentista tajjeb għal kligħ u għa'x-xogħol? Morru għand is-Sur Alfons Urso, kuddiem il Għajn ta'l Pjazza ta' Raħal Ġdid u ma jibdielcomx.

Għand is-Sur Ġużè Mallia, ta' Strada Santa Lucija, 47 il Belt jinsab għal bejħ imbit m'il aħjar bi prezz li jakbel għal cullħadd. Ta'l kuddiesa jimbiegħ xelin u disa soldi il qŭarta u l-ieħor xelin u nofs.

Min irid jitgħallem ifassal seŭŭa ilbiesi ta'l-irgiel u ta'n-nisa jmur għand il Professur Vincenzo Grech, Strada Alessandro, No 5 (fuk Putirjal) il Belt, li tgħallem fl-Accademji ta' Londra, ta' Parigi, u ta' Torin.

**GHA'N = NERVUSI!**

Meta tħossoc għajjien, kalbec seŭda, nifsec maktuħ, bla rkad u bla aptit, tisħon għal xejn; meta tara collox icreħ, cullħadd jobogħdoc, collox imgħaŭŭeġ f'il ħajja = tibchi jeŭ tidħak għal xejn b'xejn icolloc dic il marda li jsejħula

**NEVRASTENIJA**

u jecc tasseŭ hemm medicina li tista tfejjakha jeŭ tagħmillec ħafna gid hi

**L-ANTINEVROTICU**

TA'L

**PROF: DE GIOVANNI**

li chiteb l-isbaħ opra fuk dina il marda, u li giet imfaħħra ħafna m'il l-aħjar tobba ta'l Italja. Timbieħ fi fliexchen għand

**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**

ta' kuddiem il Club ta' Strada Rjali ta'l Belt.

IPPRUVAUHA! GID TISTA TAGHMEL BISS.

Min irid jixtri

# CAUCAU

**m'il ahjar, bla tahlit, bla grass u li ghandu fama tajba f'Malta ta' tlietin sena, ifittex il marca tant imfahhra**

# BENSDORP

**ghand il maghrufa minn cullhadd**

# C. CAMILLERI & SONS

**50-51, STRADA MERCANTI — IL BELT.**

**U MA JIBDIELUX.**

**In-"Nahla" tistampa ruhha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien fi Strada Magazzini, Nru. 8, il Furjana fejn isir ucoll cull xorta ta' xoghol ta' stampa b'ir-rekka collha u bi prezzijiet irhas ferm.**